**265. L-Onor. Francis Zammit Dimech MP: Ministru għat-Turiżmu u Kultura jipproponi:-**

Illi l-Kamra tad-Deputati tirriżolvi li

Peress illi huwa fl-interess ta' Malta, kemm in vista ta' l-interessi tagħha kif ukoll ta' l-obbligi tagħha bħala Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea illi l-Gvern ta' Malta jirratifika l-Konvenzjoni tal-UNESCO f'Pariġi fl-20 ta' Ottubru 2005;

Peress illi l-imsemmija Konvenzjoni tikkostitwixxi strument internazzjonali effettiv u rilevanti għall-promozzjoni tad-diversita' kulturali u l-iskambju bejn il-kulturi li għaliha kemm-il Gvern ta' Malta kif ukoll il-Komunita' Ewropea jattribwixxu importanza massima;

U peress li l-istess Konvenzjoni tikkontribwixxi biex tassikura r-rispett u l-għarfien reċiproku bejn il-kulturi fuq livell mondjali;

U peress li għalhekk huwa meħtieġ illi l-Gvern ta' Malta jaċċedi għal u jadotta l-imsemmija Konvenzjoni;

Għalhekk issa din il-Kamra tirriżolvi li tawtorizza lill-Gvern ta' Malta biex jirratifika l-Konvenzjoni tal-UNESCO dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversita' ta' l-Espressjonijiet Kulturali adottata mill-Konferenza Ġenerali tal-UNESCO f'Pariġi fl-20 ta' Ottubru 2005, u li kopja tagħha hija annessa ma' din ir-riżoluzzjoni.

14.11.2006